MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2571/2000/1

**Lawrence Triganza**

**vs**

**Mary Anne Scott**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-30 ta' Gunju, 1973 skond ma jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg Dok. “A”.

Illi sussegwentement il-kontendenti sseparaw u dana permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt u ppublikat in atti tan-Nutar Hayman datat 12 ta' Novembru, 1996 (Dok “B”).

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba li l-istess attur rabat il-kunsens tieghu ma kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Illi l-kunsens tal-partijiet kien ukoll vizzjat minhabba biza'.

Illi ghalhekk jezistu ragunijiet sabiex iz-zwieg tal-kontendenti jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti null u bla effett ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 12 tal-process;

Rat li l-konvenuta giet debitament notifikata fit-18 ta’ Lulju 2001 bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza imma ma prezentatx nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk hija baqghet kontumaci.

Rat il-verbal tal-24 ta’ Settembru 2001 fejn l-attur gie awtorizzat li jipprezenta x-xhieda tieghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-attur tas-17 t’Ottubru 2001 u l-affidavit tieghu stess hemm ipprezentat (fol 20 sa 22).

Rat il-verbali tat-22 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr Tania Sammut bhala Perit Legali biex tigbor il-provi fil-kawza u tirrelata dwar l-istess; tas-17 ta' April 2002, u tas-17 t'Ottubru 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, Dr Tania Sammut halfet ir-rapport u Dr David Camilleri ghall-attur irrimetta ruhu ghall-istess. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2002.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr Tania Sammut (fol 32 sa 57 tal-process).

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI.

Illi l-**attur** fl-affidavit tieghu pprezentat minnu fis-17 ta' Ottubru 2001, jixhed illi meta kellu madwar sittax-il sena huwa kien iltaqa' mal-konvenuta u wara ghaxar (10) snin gherusija huma zzewwgu. L-attur jixhed illi l-konvenuta kienet l-ewwel tfajla li hareg maghha. Huwa jghid illi peress illi kienu kibru flimkien kien jahseb illi z-zwieg kien awtomatiku.

Illi l-attur jixhed illi huwa kien jghir hafna ghall-konvenuta anke waqt l-gherusija. Lawrence Triganza jsemmi l-fatt illi kienu zzewwgu fi zmien sitt xhur minn meta nghataw *flat* tal-Gvern ghaliex din kienet giet *policy* tal-Gvern.

Illi huwa jghid illi llum jirrealizza kemm kien zball illi dahal fiz-zwieg ghaliex dak iz-zmien ma' kienx matur bizzejjed sabiex jirrealizza x'kien jfisser zwieg.

Illi l-attur fl-affidavit tieghu jsemmi illi wahda mill-kundizzjonijiet taz-zwieg kienet illi ma' jkollhomx tfal u dan peress illi kienu jhossu li ghadhom zghar u li ma' kellhomx

bizzejjed finanzi w in fatti l-ideja li jkollhom it-tfal giet issuggerita minn omm il-konvenuta wara illi fil-bidu taz-zwieg kien qed jkollhom hafna glied bhala rizultat tal-ghira li kellu ghall-martu.

Illi l-attur jghid illi huwa kien iqatta' hafna hin fid-dar u kien jispicca jaghmel ukoll il-facendi tad-dar. Kien jiltaqa' ma' martu fil-ghaxija biss u meta kienu johorgu kienu jiltaqghu mal-hbieb tal-konvenuta u kien jiddejjaq ghaliex kien jaf illi martu kienet tkun trid tohrog sabiex tara lil xi irgiel hbieb taghha.

Illi huwa jixhed illi minn qabel iz-zwieg huwa kien jissusspetta f'martu w in fatti jzid jghid illi din kellha diversi relazzjonijiet ma' rgiel matul iz-zwieg u bhala rizultat iz-zwieg taghhom tkisser u din waslet ghas-separazzjoni taghhom. Huwa jghid ukoll illi kemm-il darba hafrilha lill-martu bl-iskop illi jibqa' maghha u mhux l-ewwel darba li sab korrispondenza u kien jaghmlilha l-ghassa.

Illi waqt is-seduta tad-29 ta' April 2002, xehdet il-**konvenuta** in subizzjoni fejn qalet illi fil-bidu taz-zwieg huma ma' kellhomx problemi, pero' tghid illi madwar sena qabel izzewwgu l-attur spicca bla xoghol u kienet taghmel minn kollox sabiex issiblu xoghol iehor. Kellhom it-tensjoni dak iz-zmien pero' kollox mar ghall-ahjar meta rega' sab xoghol.

Illi l-konvenuta tghid illi huwa minnu illi kienu johorgu ma' shabha tax-xoghol pero' dawn kienu f'okkazzjonijiet specjali bhal Milied u f'okkazzjonijiet ohra fejn kien jkun mistieden l-i*staff*.

Illi meta mistoqsijha jekk l-attur kienx jghir ghaliha hija rrispondiet fil-posittiv u qalet illi huwa kien jghir *"minn mindu twieled"*. Hija tirrakkonta illi kemm meta kienet tahdem bhala segretarja fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u kif ukoll meta bdiet tahdem fl-istess post fejn kien jahdem l-attur. Huwa ma' kienx jkun jridha tiehu l-*break* taghha flimkien mal-i*staff* l-iehor ghaliex il-maggoranza kienu kollha rgiel, sahansitra l-principal taghha kien jibza' jhalli l-

bieb tal-ufficcju tieghu maghluq ghaliex kien jahseb illi l-attur jmur u jaghmel stragi.

Illi hija tghid illi din l-attitudni tieghu kienet taccettaha ghall-bidu ghaliex kienet taf illi anke ommu kienet tghir hafna ghar-ragel taghha, ossija missier l-attur. In fatti waqt l-gherusija omm l-attur ma’ kienetx thalli lill-konvenuta tidhol id-dar meta din kienet tkun liebsa imqaccta. In fatti hija tghid illi kemm waqt l-gherusija u kif wara z-zwieg hija ma’ kienetx tidhol god-dar tal-genituri tieghu hlief ghall-ewwel kamra u dan minhabba l-agir ta’ ommu.

Illi l-konvenuta tghid illi hija kienet taht l-impressjoni illi l-fatt illi l-attur kien jghir hafna ghaliha kien jfisser illi huwa kien jhobb jaghtiha hafna attenzjoni w importanza u fil-fatt tghid illi waqt l-gherusija l-attur kien jmur ghaliha x-xoghol kuljum. Pero’ waqt iz-zwieg din il-problema tal-ghira bdiet taggrava.

Illi Mary Anne Scott tixhed illi hija kienet tahdem hafna sabiex jlestu d-dar pero’ nonostante l-fatt illi l-attur kien jahdem ukoll huwa ma’ kienx jghinha fl-ispejjez konnessi mad-dar pero’ kien juzhom ghall-kapricci tieghu. In fatti tghid illi huwa kien biddel il-karozza taghhom u xtara ohra gdida minghajr ma’ kkonsulta maghha u ghalhekk kellha tieqaf milli tkompli mix-xoghlijiet tad-dar ghaliex ma’ setghux jlahqu mal-pagamenti dovuti lill-Bank in konnessjoni max-xiri tad-dar matrimonjali.

Illi hija tghid li l-attur kien jgib l-interessi tieghu qabel il-familja w in fatti kien ghamel perijodu ta’ ghaxar (10) snin waqt iz-zwieg jaghmilha ta’ *driver* personali b’bazi volontarja ma’ politikant u ftit li xejn kienu jiltaqghu bhala familja.

Illi l-affarijiet bdew jaggravaw meta l-attur beda jaghmlilha l-ghassa u kien jmur fuq ix-xoghol taghha minghajr ma’ javzaha sabiex jinvestiga x’kienet qed taghmel. Fl-ahhar taz-zwieg huwa beda jsir vjolenti u kien jheddidha bis-skieken fil-presenza tat-tifel taghhom u fil-fatt fir-rigward tghid hekk: “*It-tifel kien jibza’ li l-attur kien ser jaghmilli xi*

*haga u kien jkun jridni norqod fil-kamra mieghu u kien sahansitra jsakkar il-bieb jew inkella kien jkun jrid jorqod hdejja mal-art tant kemm kellu biza' minn missieru. F'dan iz-zmien it-tifel kellu madwar tlettax-il (13) sena."* Tghid: "*illi l-ghada li kien jkun vjolenti kien jappologizza mieghi u qisu ma' kien gara xejn pero' it-tifel ma' kienx jahfirlu".*

Illi l-konvenuta tghid illi hija kienet f'dak il-perjodu li kkonvincitu sabiex jmorru ghand psikjatra w in fatti kienu marru ghand il-Psikjatra George Debono u dan kien qallu illi kien jbati minn paranoia u kien qieghed jiffissa illi martu kienet qeghda tibdlu ma' terzi persuni. Dak inhar, kien ippreskrivilu xi kura pero' hija tghid illi ma' kienx baqa' jehodha.

Illi l-attur kien jheddidha li ser joqtol lilha u lill-binhom u ghalhekk hija kellha tallontana ruhha u ddeciediet illi titlaq mid-dar konjugali. In oltre t-tifel tal-kontendenti kien qalilha biex taghzel bejnu u bejn missieru l-attur.

Illi l-**Psikjatra George Debono** fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2002 xehed illi huwa jiftakar illi l-attur kien snin ilu mar ghandu ghall-kura pero' ma' xehed xejn dwar il-kura mentali tal-istess attur ghaliex kien inharaqlu l-ufficcju tieghu u kienu gew distrutti l-*files* u d-djarji tieghu. Ghalhekk, *records* tal-klijenti tieghu m'ghandux. Huwa jghid illi accerta ruhu illi verament kien mar ghandu ghaliex apparti milli gharaf lill-attur huwa semmielu l-proceduri li jimxi bihom il-psikjatra.

**<u>(B) KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnu, l-attur qieghed jitlob illi z-zwieg li gie celebrat bejnu u bejn il-konvenuta jigi dikjarat null u bla effett, peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha **(artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta),** u peress illi l-kunsens tal-attur kien ivvizjat minhabba illi rabat il-kunsens tieghu ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur **(artikolu 19 (1) (g) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** u kif ukoll peress illi l-kunsens tal-

partijiet kien vizzjat minhabba biza' **(artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Illi l-esponenti tirrileva illi minkejja l-fatt illi l-konvenuta baqghet kontumaci u ma' pprezentat l-ebda eccezzjonijiet, il-Qrati taghna dejjem sostnew illi l-allegazzjonijiet attrici ghandhom jigu effettivament pruvati u li verament kienu jezistu u dan "*stante li l-ligi hija kollha diretta sabiex tiddefendi r-rabta taz-zwieg tali indagar huwa rikjest 'di rigore' fil-ligi nostrali*" ("**Ali Chahid vs Mary Spiteri**"; Prim'Awla , 5 ta' Gunju 2002 – Citaz. Nru. 1733/01RCP). Illi anke fil-kaz ta' ammissjoni ta' xi talba jew ohra *"il-Qorti ma' kienetx tkun ezonerata milli tisma' u naturlament tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub*" (**"Evelyn Agius vs John Borg"** (P.A. (N.A.) 4 ta' Ottubru 1995).

Illi l-Perit Legali kienet tal-opinjoni li *"f'dan il-kaz odjern n-nullita taz-zwieg o meno ghandha tirrizulta minn analizi tal-fatti prodotti b'referenza ghall-**artikolu 19 (1) (d)** u dan peress illi l-attur bl-ebda mod ma' ressaq prova dwar l-**artikoli** l-ohra msemmija fic-citazzjoni pprezentata minnu"*.

Illi l-ewwel parti tal-**artikolu 19 (1d)** tipprovdi li:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha…..." .*

Illi b'referenza ghal dan is-sub-artikolu fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr. Renzo Porsella Flores et. noe**" (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000 - Cit. Nru. 2443/97) insibu definizzjoni tal-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju moghtija minn ***Viladrich*** **("Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"**):

*"The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love".*

Illi minn gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa *'sui generis'* u ta' ordni publiku. Il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrekjedi r-rabta taz-zwieg. Ghalhekk meta ghal xi raguni jew ohra l-kunsens ma' jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu. Madanakollu, wiehed jinnota illi l-kuncett tad-*discretio judicii* ma' jirrikjedix maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg. Izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent u kif ukoll fil-futur.

Illi fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagle qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VGD) 26 ta' Ottubru 2000) gie ritenut illi:-

*"Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma' hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni, anqas ma' jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljati hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju."*

In oltre, l-partijiet jrid jkollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi tkun b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, deciza fl-4 ta' Novembru 1994, il-Qorti ezaminat id-definizzjoni moghtija minn ***Bersini*** ta' diskrezzjoni ta' gudizzju:-

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva….. La maturita di giudizio*

*comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto di compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della liberta' scelta interiore… Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculattivamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e necessaria la maturita' di giudizzio capace di ponderare in concerto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezzione non tanto per l'atto in se', al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."*

Illi fil-kaz odjern, l-Qorti taqbel mal-perit legali li nonostante l-fatt illi l-kontendenti damu ghaxar (10) snin gharajjes dana ma' jfisserx illi huma kienu jafu bizzejjed lil xulxin biex jaslu ghar-rabta taz-zwieg. L-attur jixhed illi l-konvenuta kienet l-ewwel tfajla li hareg maghha u peress illi kienu damu snin twal johorgu flimkien iz-zwieg ghalih kien haga awtomatika. L-attur fl-affidavit tieghu jghid illi ma' kienx matur meta huwa dahal ghar-rabta taz-zwieg u dan jinsab ikkonfermat minn martu meta hija ssemmi l-fatt illi filwaqt illi hija kienet tahdem sieghat twal sabiex thallas id-djun tad-dar u sabiex timla d-dar huwa kien xtara karozza gdida minghajr ma' kkonsulta maghha u bhala rizultat ma' setghux jlahhqu mal-pagamenti fix-xahar.

Illi l-istess perit legali sostniet li *"certament, johrog car mix-xhieda tal-kontendenti illi ma' kienet tezisti l-ebda forma ta' komunikazzjoni u fiducja bejniethom. Waqt iz-zwieg, ma' tantx kienu jiltaqghu, bejn ghax kienu it-tnejn jahdmu u bejn ghaliex gieli kienu johorgu mal-hbieb tal-konvenuta u anke ghaliex l-attur kien ghamel perjodu twil ta' madwar ghaxar snin jaghmilha ta' driver personali ta' politikant u fuq bazi volontarju"*.

Illi t-tieni parti tal-**artikolu 19 (1d)** tirreferi ghal:-

*"anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*

Illi l-legislatur jirrekjedi illi d-difett ta' diskrezzjoni jkun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja pero' mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku izda nkapacita` psikika ossija li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens "**Jacqueline Cousin vs Bernard Simler**" P.A. (VGD) 3 ta' Gunju 1998; "**Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar**" P.A. (VGD) 19 ta' Ottubru 1998). Illi ghalhekk il-ligi taghna bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** f'kaz ta' difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja tirrekjedi mhux semplici diffikulta izda mpossibbilita` li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg

Illi l-partijiet jixhdu illi problema serja fiz-zwieg taghhom kienet l-ghira esagerata tal-attur illi kienet tezisti minn qabel iz-zwieg u kompliet taggrava waqt iz-zwieg. Il-konvenuta tixhed illi waqt l-gherusija hija kienet tinterpreta din il-possessivita' tal-attur fil-konfront taghha bhala mhabba u attenzjoni kbira lejha, pero' rrizulta illi din l-ghira kompliet taggrava sabiex fl-ahhar ittrasformat ruhha fi vjolenza u nuqqas ta' rispett kbir fil-konfront taghha li waslet f'tali punt illi kellha tallontana ruhha mid-dar konjugali. Illi skond il-konvenuta l-ghira kienet ilha tezisti "*minn mindu twieled*" u li kien ha l-vizzju ta' ommu li wkoll kienet possessiva hafna fil-konfront ta' zewgha.

Illi l-konvenuta tixhed illi hija kienet darba minnhom akkompanjat lill-attur ghand il-Psikjatra George Debono li kien qallu illi kien qieghed jbati minn paranoia u li kien anke ippreskrivilu kura li eventwalment huwa baqa' ma' hax. Il-fatt illi l-kontendenti kienu marru ghand Dr. Debono gie kkonfermat minnu stess li qal illi kien jaghraf lill-attur u li l-mod kif kien kellmu l-attur dwar kif kien tah il-kura kien jaqbel mal-proceduri li jadotta hu pero' ma' setax jghin f'dan il-kaz ghaliex huwa ma' kellux ir-*records* tal-attur ghaliex kienu gew distrutti l-*files* tieghu kollha minhabba incident li sehh fl-ufficcju tieghu. Ghal din ir-raguni l-perit legali sostniet li ma' setghetx taghmel ezami aktar profond

tal-*"anomalija psikologika"* taht dan il-artikolu. Pero' l-esponenti mix-xhieda tal-kontendenti setghet tasal ghall-konkluzjoni illi l-ghira tal-attur apparti milli tindika insikurezza kbira fih innifsu kienet ukoll turi problemi kbar fil-karattru tieghu, liema problema kkawzat problemi kbar fiz-zwieg tal-kontendenti. L-attur kien jwassalha u jigborha minn fuq ix-xoghol kuljum u kulhadd kien konsapevoli ta' dina l-problemi ghaliex sahansitra kollegi tax-xoghol tal-konvenuta tas-sess maskili kienu jibzghu milli jaghmel xi xenata meta huma jkunu wehedhom fl-ufficcju mal-konvenuta. Il-konvenuta kienet anke bidlet ix-xoghol taghha u marret tahdem fl-istess post fejn kien jahdem hu pero' xorta wahda l-problema tal-ghira w insikurezza kienet baqghet hemmhekk.

Illi din il-Qorti kif preseduta kellha okkazzjoni tistudja is-**sub-inciz (d) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255** fis-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia Borg"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru 1999 - Cit Nru 1564/97/RCP) u ghalhekk issir riferenza ghall-istess sentenza u l-konsiderazzjonijiet legali taghha.

Illi fis-sentenza "**Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhamed**" (P.A. (NA) – 27 ta' Lulju 1999 - Cit Nru 3046/96/NA - 27 ta' Lulju 1999) il-Qorti qalet li l-ligi taghna ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma d-drittijiet u d-dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, izda dawn gew definiti kemm mill-guristi kif ukoll fil-gurisprudenza nostrana. Il-Qorti sostniet:-

*"Fil-kawza '**Haiden vs Haiden'** (PAQC 7/7/94), il-qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita` tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'."*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u d-drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li*

*komuniment wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta` taghna. Fost dawn, wiehed irid isemmi l-fedelta` u l-assistenza, l-unita` u l-indissolubilita` taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza '***Micallef vs Micallef***' deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi mill-provi processwali jirrizulta b'mod car illi f'dan il-kaz il-partijiet ma kienux konxji ta' x'inhuma l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, fuq kollox dan l-element kardinali tal-'*communio vitae*' li jirrizulta li kien eskluz da parti taz-zwieg tal-kontendenti. Mill-provi *di fatti* jirrizulta li l-attur mexa mal-konvenuta qiesu din kienet proprjeta' tieghu u xejn izjed, u kien konstantament isewgi l-passi taghha b'mod tassew iffissat li hanaq mill-bidu nett taz-zwieg u fil-mument tal-kunsens kull tama' li jkun hemm verament unjoni bejn l-istess partijiet, u dejjem issuspetta fuqha, tant li baqa' jaghmel hekk anke mix-xhieda tieghu f'din il-kawza; tali fissazzjoni kienet tant kbira li huwa stess, bl-ghajnuna jew minghajrha, rrikorra ghand psikjatra, pero' kull rimedju li kien suggeriet lilu, kien kollu ghal xejn ghaliex l-istess attur baqa' jagixxi bl-istess mod mal-konvenuta, jekk mhux aghar, tant li wasal sabiex il-konvenuta kienet kostretta titlaq lill-attur.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet peritali u taddottahom, u taghmilhom taghha, u ghalhekk tiddikjara l-istess zwieg bhala null u bla effett abbazi tal-**artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghalhekk skond il-provi migbura u l-kunsiderazzjonijiet premessi jidher li n-nullita' ta' dan iz-zwieg fil-konfront tal-attur gie ppruvat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**

**tal-Ligijiet ta' Malta** w abbazi tal-premess dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tat-30 ta' Gunju 1973 huwa null u bla effett ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi skond id-disposizzjonijiet tal- **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Dicembru, 2002.**